# IT-TIENI PARTI
# L-EWWEL SEZZJONI
# APPELLI ĊIVILI

**9 ta' Frar, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Victor Borg Costanzi LL.D.**

David Harding

*versus*

Lawrence A. Farrugia *et*

**Liġi Viġenti – Emendi Eventwali**

*Il-Qorti hija fid-dmir li tiddeċidi l-kawża li jkollha quddiemha skond kif tiddisponi l-liġi viġenti u mhux ukoll skond kif eventwalment din għad (u forsi) trid tiġi emendata. Diversament, iċ-ċittadin jinqabad fil-morsa ta' l-inċertezza u tad-dubju.*

*Bl-istess mod ukoll l-ebda bord m'għandux l-fakoltà li jimxi b'mod differenti minn dak li tgħidlu l-liġi stess għaliex inkella jiġi li jkun aġixxa ultra vires. Jekk huwa mbagħad għandu raġuni jew motiv x'jaħseb li l-posizzjoni ser titbiddel allura huwa għandu, jekk iħoss kull neċessità, jistenna biex fl-ewwel lok kull emenda rikjesta u opportuna ssir liġi.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li biha premessi d-*dikjarazzjonijiet neċessarji* u *mogħtija l-* provvedimenti opportuni; peress li b'avviż ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-2 ta' Jannar, 1987 (Dok. A) il-konvenut Lawrence A. Farrugia bħala *Chairman* tal-Bord ta' l-Għażla ta' l-Istudenti stieden lis-Servizzi Ċivili, Korpi Parastatali u lis-Settur Privat biex jinnominaw bħala ħaddiema studenti impjegati fl-istabbilimenti tagħhom għal diversi korsijiet li ġejjin fl-Università ta' Malta, fosthom il-kors li jwassal għal-LL.D.;

Peress li fl-imsemmi avviż jingħad *inter alia* li l-prinċipali għandhom jinnominaw impjegati fl-istabbilimenti tagħhom li jkunu twieldu fit-23 ta' Frar, 1962 jew qabel, liema data tat-23 Frar, 1962 b'avviż ieħor fil-Gazzetta tal-Gvern tas-6 ta' Jannar, 1987 (Nru. 14702) (Dok. B) ġiet sussegwentement mibdula għall-15 ta' Frar, 1962;

Peress li l-kondizzjoni dwar l-età fuq imsemmija hija kwalifika ġdida illi l-Bord ma kellu ebda dritt jimponi, anke għaliex l-artikolu 39(1) ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni (Att XXXIX ta' l-1974) kif sussegwentement emendat iħalli espressament il-kwistjoni ta' l-età ta' min jiġi nnominat f'idejn il-prinċipal li jinnominah;

Peress li l-kumpanija *Associated Drug Company Limited* fit-13 ta' Jannar, 1987 ippreżentat lill-imsemmi Bord in-nomina ta' l-attur bħala ħaddiem student għall-kors tal-LL.D. u dan nonostante li l-attur twieled wara l-imsemmija data tal-15 ta' Frar, 1962, u ċjoè fis-7 ta' Diċembru, 1963 (Dok. Ċ) billi huwa ritenut li l-limitazzjoni fuq imsemmija ta' l-età imposta mill-imsemmi Bord hija ***ultra vires*** u kontra l-liġi;

Peress li l-attur, bħala l-persuna nnominata għall-imsemmi kors għandu interess evidenti li n-nomina tiegħu fuq imsemmija tiġi ddikjarata valida u skond il-liġi sabiex tittieħed in konsiderazzjoni mill-Bord flimkien man-nomini l-oħra għall-finijiet ta' l-għażla għall-kors fuq imsemmi;

Talab li:

1) Jiġi ddikjarat u deċiż minn dik il-Qorti li l-imsemmija kondizzjoni imposta mill-Bord ta' l-Għażla ta' l-Istudenti fl-avviżi fuq imsemmija li l-prinċipali għandhom jinnominaw bħala ħaddiema studenti impjegati fl-istabbilimenti tagħhom li jkunu twieldu fil-15 ta' Frar, 1962 jew qabel hija *ultra vires* u kontra l-liġi u għalhekk hija nulla u mingħajr ebda effett;

2) Li konsegwentement jiġi ddikjarat u deċiż illi n-nomina ta' l-attur għall-kors fuq imsemmi hija valida u skond il-liġi;

3) Li l-Qorti tiddikjara u tiddeċidi per konsegwenza li n-nomina ta' l-attur għandha tiġi kkunsidrata mill-Bord flimkien man-nomini l-oħra għall-finijiet ta' l-għażla għall-kors fuq imsemmi tal-LL.D. u;

4) Il-konvenuti *Chairman*, membri u Segretarju ta' l-imsemmi Bord jiġi kkundannati jaġixxu skond it-termini tad-domanda preċedenti – salv kull azzjoni oħra spettanti lill-attur, fosthom dik għad-danni;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija;

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut Michael Apap

Bologna *noe* li biha ammetta l-ewwel u t-tieni talba, u jaqbel li għandhom jiġu akkolti ż-żewġ talbiet l-oħra;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti l-oħra fejn eċċepew:

1) Illi preliminarjament l-attur ma għandux interess ġuridiku fil-kawża għax in-nominazzjoni saret mill-*"employer"* tiegħu u hu biss għandu interess li jikkontesta d-deċiżjoni tal-Bord u għalhekk il-konvenuti għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

2) Illi fil-mertu l-aġir tagħhom huwa legali *in vista* tal-fatt li l-liġi relattiva se tiġi emendata b'effett retrospettiv biex tinkludi każijiet bħal dan u kien *in vista* ta' dan li l-applikazzjonijiet indikaw l-istess kondizzjonijiet li qed jiġu kkontestati;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat ukoll l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti *nomine eccetto* l-konvenut Michael Apap Bologna *nomine* fejn eċċepew illi in linea wkoll preliminari dik il-Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-kawża *stante* li l-provvedimenti ta' l-art. 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma ġewx segwiti. Salvi eċċezzjonijiet ġà mogħtija u oħrajn ulterjuri;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Jannar, 1987, li rrespinġiet l-eċċezzjonijiet kollha ssollevati mill-konvenuti Lawrence A. Farrugia bħala *Chairman*, Dr. Joseph Micallef, Connie Bonello, Alfred Buhagiar, Vincent Esposito, Emmanuel Ellul, Dr. Noel Zarb Adami, Peter Baldacchino, Nutar Anna

Mallia, Frederick Fearne, Paul Sultana Travisan bħala membri u Benny Borg Bonello bħala Segretarju tal-Bord ta' l-Għażla ta' l-Istudenti, u laqgħet id-domandi ta' l-attur kif dedotti fl-att taċ-ċitazzjoni, b'dan li ddikjarat li l-imsemmija kondizzjoni imposta mill-Bord ta' l-Għażla ta' l-Istudenti fl-avviżi fis-sentenza msemmija, li l-prinċipali għandhom jinnominaw bħala ħaddiem student impjegati fl-istabbilimenti tagħhom li jkun twieldu fil-15 ta' Frar, 1962 jew qabel, hija *ultra vires* u kontra l-liġi u kwindi hija nulla u bla effett; u konsegwentement in-nomina ta' l-attur hija valida u skond il-liġi u għalhekk għandha tiġi kkunsidrata mill-Bord flimkien man-nomini l-oħra għall-finijiet ta' l-għażla għall-kors ta' LL.D. (kors tal-liġi) u kkundannat għalhekk lill-imsemmija konvenuti fil-kwalità tagħhom premessa sabiex jaġixxu skond it-termini fl-istess sentenza indikati, salv kull azzjoni oħra spettanti lill-attur skond il-liġi *si et quatenus;* bl-ispejjeż kollha ġudizzjarji a kariku tal-konvenuti *'nomine'* u tal-konvenut Apap Bologna *'nomine'* wkoll, u dan wara li kkunsidrat illi:

*Omissis;*

Il-Qorti tibda biex tiddelibera u tiddeċidi dwar l-eċċezzjoni ulterjuri minħabba l-fatt li din hija ta' natura preliminari u proċedurali u jekk tirrisolvi ruħha favur il-konvenuti *nomine* li ssollevawha, allura konsegwentement ikun ifisser li l-kawża ġiet istitwita ħażin b'mod irritwali;

Skond il-liġi proċedurali nostrali edba att ġudizzjarju li bih jinħadem xi proċedimenti ma jista' jiġi ppreżentat, u ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jinbdew kontra l-Gvern jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra **xi persuna li jkollha kariga**

**pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha,** ħlief wara li jgħaddu għaxart ijiem min-notifika kontra l-Gvern jew dik l-awtorità jew persuna kif intqal qabel, ta' ittra uffiċjali jew ta' protest li fih il-pretensjoni jew it-talba tiġi mfissra b'mod ċar; **u r-Reġistratur għandu jirrifjuta li jirċievi xi att ġudizzjarju** jew dokument ieħor li jiġi ppreżentat fir-Reġistru kontra d-disposizzjonijiet ta' l-art. 460 fuq imsemmija (sottolinear tal-Qorti). Jingħad però li tali disposizzjoni inoltre hija bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-art. 460;

Din il-parti tal-Kodiċi tal-Proċedura (Kap. 12) tal-Liġijiet ta' Malta) ġiet emendata bl-Att VIII ta' l-1981 u in forza tagħha l-Gvern, il-korpi u l-persuni indikati fl-artikolu *de quo* ġew imqegħdin f'posizzjonii differenti u priviléġġjata minn intimati u jew *konvenuti oħrajn li jkunu qegħdin jittieħdu kontrihom* proċeduri ġudizzjarji. Jiġi rrilevat illi fil-każ in diżamina r-Reġistratur tal-Qorti **ma rrifjutax** illi jirċievi l-atti ġudizzjarji in kwistjoni u li taw lok għal dina l-kawża. Anzi jiġi wkoll irrilevat li f'kawża oħra simili fl-ismijiet **Vella *vs* L. Farrugia *et noe*** deċiża minn din il-Qorti wkoll, kif diversament ippresjeduta, fil-31 ta' Lulju, 1985, tali eċċezzjoni ma ġietx issollevata mill-istess konvenuti *nomine* u f'dak il-każ ukoll jidher li r-Reġistratur kien aċċetta l-atti ġudizzjarji mingħajr il-pre avviż fuq imsemmi għall-każijiet speċifikati u applikabbli ta' għaxart ijiem;

Il-kwistjoni kollha tirrivolvi *in verità* fuq is-sinifikat li għandha tingħata għad-diċitura "kontra xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha". L-abili difensur tal-konvenuti *nomine* argumenta li l-persuni minnu patroċinati jaqgħu taħt din il-kappa kkontemplata mill-Kodiċi tal-Proċedura. *Jingħad però li l-istess kodiċi* **ma jiddefinix** *espliċitament min* hija "persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali

tagħha". Issa huwa minnu li l-persuni li qegħdin jidhru u li nħatru fuq il-Bord ta' l-*Għażla ta'* l-*Istudenti* ġew innominati mill-President tar-Repubbliка. Tassew ukoll illi l-kundizzjonijiet ġew stipulati u li qegħdin hawn jiġu attakkati nħarġu fil-qadi tad-dmirijiet u funzjoni tagħhom u in rappresentanza tal-Bord. Mill-banda l-oħra però l-Qorti trid tara wkoll dak illi sewwa sew ried li jiġi mħares il-leġislatur. Ħarsa lejn it-tiswija tas-subtitolu VI tat-Titolu VIII jurina li hawn *si tratta* "Fuq il-kawżi tal-Gvern" u fix-"*short title*" mbagħad insibu t-tiswija "Proċedimenti kontra l-Gvern". Issa huwa veru li barra l-Gvern ġew inklużi wkoll persuni li jkollhom kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħhom. Issa, ġaladarba ma għandhiex definizzjoni ta' *min huma* dawn il-persuni wieħed bil-fors irid idur fuq l-ogħla liġi tal-pajjiż li, *a sua volta*, tiddefinixxi x'inhi kariga pubblika. Il-Kostituzzjoni tagħna tirregola l-ħatriet f'uffiċjali pubbliċi permezz ta' l-art. 110. Hemm imbagħad l-artikolu 124 li jfisser ċerti termini msemmijin fil-Kostituzzjoni u fost dawn hemm is-subartikolu Nru. 3 li jgħid sempliċement li s-servizz pubbliku ma jinkludix, ħlief safejn jista' jkun preskritt mill-Parlament, membru ta' xi kunsill, **bord,** lista, kumitat jew korp ieħor simili mwaqqaf bi jew skond il-liġi. F'kull każ ukoll wieħed għandu jara x'kien ir-***ratio legis*** meta saret l-emenda fuq imsemmija fil-Kodiċi tal-Proċedura. Ovvjament il-leġislatur ried li f'kawża fejn il-Gvern jew l-entitajiet l-oħra li jaqgħu taħt id-dispositiv ma jiġux sorpriżi jew imgħaġġla bi proċeduri ġudizzjarji jekk qabel ma jkunux ġew intimati jew interpellati uffiċjalment f'perijodu raggwardevoli. F'dina l-kawża l-istess konvenuti *nomine* taw l-eċċezzjonijiet tagħhom kemm preliminari kif ukoll in mertu u kien li, ulterjorment, ressqu dina l-eċċezzjoni tagħhom. Il-Qorti, wara li qalet dan kollu, hija tal-fehma li l-konvenuti fil-kwalità tagħhom fuq imsemmija u relattiva għall-Bord ta' l-Għażla ta' l-Istudenti ma jaqgħux taħt id-dispositiv

ta' l-art. 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u *kwindi l-eċċezzjoni ulterjuri qiegħda tiġi respinta;*

Għall-fini ta' prattiċità l-Qorti sejra tiddelibera dwar l-eċċezzjoni in mertu – dejjem però suġġetta għal dak li ser jingħad u ddeliberat dwar l-eċċezzjoni l-oħra ta' natura legali. Dan il-għaliex oltre l-ammissjoni tal-konvenut Apap Bologna *nomine,* il-konvenuti *nomine* l-oħra, fir-risposta tagħhom, **m'humiex jiċħdu** dak illi qed jiġi allegat mill-kontroparti imma bensì qegħdin impliċitament, *jirrikonoxxu li rebus sic stantibus* il-petizzjoni bħalissa, u sakemm tiġi mgħoddija mill-Parlament l-emenda minnhomipprospettata hija kif mogħtija mill-attur. Il-Qorti hija fid-dmir li tiddeċidi l-kawża li jkollha quddiemha skond kif tiddisponi l-liġi viġenti u mhux ukoll skond kif eventwalment din għad (u forsi) trid tiġi emendata. Diversament, iċ-ċittadin jinqabad fil-morsa ta' l-inċertezza u tad-dubju. Bl-istess mod ukoll l-ebda bord m'għandu l-fakoltà li jimxi b'mod differenti minn dak li tgħidlu l-liġi stess għaliex inkella jiġi li jkun aġixxa ***ultra vires.*** Jekk huwa mbagħad għandu raġuni jew motiv x'jaħseb li l-posizzjoni ser titbiddel, li allura huwa għandu, jekk iħoss tali neċessità, jistenna biex fl-ewwel lok kull emenda rikjesta u opportuna ssir liġi;

Niġu issa għat-tielet eċċezzjoni dwar l-interess ġuridiku o meno ta' l-attur f'din il-kawża. L-abili difensur tal-konvenuti *nomine* fisser kif l-azzjoni ma kinitx tispetta lill-istudenti imma lill-''*employer*'' tiegħu għax l-applikant ma kienx l-istudent, l-attur odjern, imma l-konvenut Apap Bologna *nomine.....Omissis.....* Il-Qorti, bir-rispett lejn id-difensur tal-konvenuti *nomine,* ma taqbel xejn ma' l-asserzjoni li l-attur għandu biss sempliċi interess indirett dipendenti għad-dritt ta' azzjoni mogħtija lill-''*employer*'' tiegħu. Għalkemm l-applikant

f'dan il-każ mhux l-istudent, l-istudent li qiegħed jallega li ser jitħalla barra mill-għażla *illegalment* u *minħabba kundizzjoni* "***ultra vires***" tal-Bord ta' l-Għażla għandu kull interess ġuridiku u dirett f'kawża bħal din. L-attur iddikjara, u huwa ma jinsabx kontradett, li huwa għandu "*sponsor*" li nnominah bħala ħaddiem student għall-kors tal-liġi u bħala tali għandu interess evidenti u manifest li n-nomina tiegħu tiġi ddikjarat valida u skond il-liġi sabiex tittieħed in konsiderazzjoni mill-Bord flimkien man-nomini l-oħra għall-finijiet ta' l-għażla għall-kors fuq imsemmi. Fi kliem ieħor, l-attur mhux jipproponi kawża purament għal xi dikjarazzjoni ta' natura akkademika dwar jekk ħaddiem student huwiex intitolat illi *per via* ta' "*sponsor*" jistax jitressaq għall-konsiderazzjoni tal-Bord minkejja li huwa għad m'għalaqx l-età ta' ħamsa u għoxrin sena. Hawnhekk *invece si tratta* ta' persuna li **tassew** ġiet '*sponsored*' u li jekk tonqos milli tiġi kkunsidrata mill-Bord fuq ħaġa li hija tgħid li saret irregolarment u ***ultra vires,*** ikun ifisser ukoll li l-karriera futura tagħha tiġi irvinta darba għal dejjem;

Rat in-nota u l-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenuti Lawrence A. Farrugia bħala *Chairman,* Dr. Joseph Micallef, Connie Bonello, Alfred Buhagiar, Vincent Esposito, Emmanuel Ellul, Dr. Noel Zarb Adami, Peter Baldacchino, Nutar Anna Mallia, Frederick Fearne, Paul Sultana Trevisan bħala membri u Benny Borg Bonello bħala Segretarju tal-Bord ta' l-Għażla ta' l-Istudenti, li appellaw minn dik is-sentenza u talbu lil din il-Qorti tirrevoka l-istess sentenza billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti appellanti u tiċħad it-talbiet ta' l-attur appellat bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess attur appellat;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat li ssottometta fil-mertu illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, u

għalhekk l-appell għandu jiġi rriġettat bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellanti;

Rat ir-risposta tal-konvenut appellat Michael Apap Bologna *'nomine'* li ssottometta illi fil-mertu s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata u l-appell jiġi rriġettat, b'dan, però illi t-talba ta' l-appellanti għandha tiġi akkordata biss in kwantu din il-Qorti teżonerah mill-ħlas ta' kwalunkwe parti mill-ispejjeż għab-bażi ta' l-artikolu 238 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni u d-dokumenti esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni ta' l-appell;

Ikkunsidrat:

Bħala l-ewwel aggravju tagħhom il-konvenuti appellanti jissottomettu li l-Ewwel Qorti naqset li tapprezza l-posizzjoni ġuridika tal-Bord ta' l-Għażla ta' l-Istudenti. L-appellanti jsostnu, infatti, li "l-operat ta' l-artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jinkludi l-Bord ta' l-Għażla ta' l-Istudenti";

Dan l-imsemmi artikolu 460, li kien ġie introdott fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili bl-Att VIII *ta'* l-1981 bħala l-artikolu 460A ta' l-allura Kapitolu 15, u jinsab taħt is-Sub-titolu "Fuq il-kawżi tal-Gvern" u għandu bħala nota marġinali "Proċedimenti kontra l-Gvern", jittratta dwar proċedimenti "kontra l-Gvern, jew kontra xi awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni, barra mill-Kummissjoni Elettorali, jew kontra xi **persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha**" (fit-*test* Ingliż" *a person*

*holding a public office in his official capacity''*);

L-appellanti jissottometta li huma inklużi fid-diċitura ''persuna li jkollha kariga pubblika fil-kwalità uffiċjali tagħha''. Fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) ma nsibux definizzjoni ta' persuna bħal din; iżda l-artikolu 124(1) tal-Kostituzzjoni jiddefinixxi ''kariga pubblika'' bħala ''kariga bi ħlas **fis-servizz pubbliku''** (*''public office'' means an office of emolument in the public service*). Dan l-istess artikolu jgħid li ''s-servizz pubbliku'' tfisser, bħla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) u (3) ta' l-istess artikolu, 'is-servizz tal-Gvern ta' Malta f'kariga ċivili' (*the service of the Government of Malta in a civil capacity*). Is-subartikolu (3)(iii), imbagħad, ta' l-imsemmi artikolu 124 jgħid li, ħlief safejn jista' jkun preskritt mill-Parlament, ''is-servizz pubbliku'' ma jinkludix servizz fil-kariga ta' ''xi kunsill, **bord,** lista, kumitat jew korp ieħor simili mwaqqaf bi jew skond xi liġi'';

Il-Bord ta' l-Għażla ta' l-Istudenti ġie mwaqqaf bl-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni (Att XXXIX/1974), u l-Parlament ma ppreskriviex illi servizz f'kariga bħal din fil-Bord imsemmi għandu jkun meqjus bħala 'servizz pubbliku';

Fuq l-iskorta tal-premess, għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma illi l-konvenuti appellanti m'humiex milqutin mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmi artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Fl-ipotesi kuntrarja, dan l-imsemmi artikolu kien ikun qiegħed jiġi applikat b'mod konfliġġenti mad-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li, kollox ma' kollox, ma jridux li servizz f'bord imwaqqaf bi jew skond xi liġi jiġi meqjus bħala servizz pubbliku, ħlief f'dawk il-każijiet fejn ikun ġie espressament preskritt mill-Parlament. M'hemmx

għalfejn jingħad illi r-riferenza għall-Kummissjoni Elettorali fil-petizzjoni *ta' l-appell hija għal kollox irrilevanti, il-għaliex din* hija "awtorità mwaqqfa bil-Kostituzzjoni" (artikolu 60 tal-Kostituzzjoni) u hija speċifikament imsemmija fl-artikolu 460 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Għal dak li hu l-interess ta' l-attur, il-Qorti ma tifhimx kif jista' jiġi kkontestat li l-attur ma għandux interess attwali li jistitwixxi l-azzjoni preżenti, liema interess, jgħidu l-appellanti, għandu *biss l-"employer" li jinnomina lill-impjegat tiegħu*, u ma għandux dan l-impjegat li huwa l-persuna l-iżjed interessata fin-nominazzjoni u eventwalment fl-għażla;

Il-Qorti ssib rilevanti dak li jgħid il-Mortara f'dan il-kuntest *(Procedura Civile,* Vol. II, p. 470), ċjoè: *"Abbiamo sempre diritto alla conservazione di un diritto, puro e semplice, condizionato, eventuale, o attuale. Perciò se vengono meno per altrui impedimento le condizioni di tale conservazione avremo proporzionatamente interesse ad agire per la loro reintegrazione, che è essa stessa un nostro diritto".* Anke l-istess liġi, fl-artikolu 39(3) ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni tirrikonoxxi l-interess ta' l-impjegat li jiġi kkunsidrat għall-għażla bħala student-ħaddiem;

Għal dak li jirrigwarda l-mertu – u hawnhekk wieħed irid jiddistingwi bejn l-istadju tan-nominazzjoni u dak ta' l-għażla – l-eċċezzjoni relattiva tal-konvenuti kienet li "l-aġir tagħhom huwa legali *in vista* tal-fatt li l-liġi relattiva se tiġi emendata b'effett retrospettiv biex tinkludi każijiet bħal dan". Anke fil-petizzjoni ta' l-appell il-konvenuti jgħidu li l-Qorti "naqset li tapprezza li l-liġi rilevanti kienet se tinbidel" u li "kull ma ġara huwa li l-liġi ma ġietx emendata a *tempo";*

Dan ovvjament ifisser illi l-istess konvenuti jaqblu li l-aġir tagħhom fil-ħruġ ta' l-avviżi msemmija fiċ-ċitazzjoni ma kienx konformi mal-liġi fl-istat li kienet meta saru l-imsemmija avviżi. Fil-fatt, il-liġi ġiet emendata bl-Att V ta' l-1987, li rċieva l-kunsens Presidenzjali fid-29 ta' Jannar, 1987, ċjoè wara s-sentenza appellata u wara l-preżentata tal-petizzjoni ta' l-appell. Din l-emenda, però ma messitx id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 39(1) tal-liġi prinċipali li jgħid fost ħwejjeġ oħra li "il-ħaddiema – studenti jiġu nnominat mill-prinċipal tagħhom stess meta jqis il-ħtiġijiet, magħdudin **l-età** u l-gradi **skond kif hu jiddeċidi"**. Il-posizzjoni f'dan ir-rigward baqgħet għalhekk mhix mibdula;

Jidher, għalhekk, abbondantament ċar illi l-posizzjoni legali fir-rigward tal-kondizzjoni imposta mill-Bord li l-prinċipali kellhom jinnominaw biss lill-impjegati tagħhom li twieldu fil-15 ta' Frar, 1962, jew qabel baqgħet l-istess bħal ma kienet fid-data tas-sentenza appellata, ċjoè nulla u mingħajr effett, u għalhekk in-nomina ta' l-attur kienet valida;

*Omissis;*

Għal dawn il-motivi, għalhekk, u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tiddisponi mill-appell billi: (1) tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu laqgħet l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi; (ii) tikkonferma wkoll is-sentenza appellata anke fejn laqgħet it-tielet u r-raba' talbiet attriċi in kwantu dawn iż-żewġ domandi kienu konsegwenzjali għall-akkoljiment ta' l-ewwel u t-tieni talba fl-istat ta' fatt u ta' liġi viġenti fid-data tas-sentenza appellata; u (iii) tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament kollu tagħha. L-ispejjeż ta' din l-istenza jkunu għak-kariku tal-konvenuti appellanti.